MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 1827/1995/1

Kawza fil-lista: 10

**Maria Annunziata sive Nancy Debattista mart Joseph Debattista**
**Vs**
**Joseph Debattista, Peter Paul Micallef u Joyce Micallef mart l-istess Peter Paul Micallef ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-attrici u l-konvenut Joseph Debattista zzewgu fit-8 ta' Lulju 1972 (Dok A) u tezisti bejniethom l-komunjoni tal-akkwisti.

Peress illi l-konvenuti Joseph Debattista u Peter Paul Micallef, fl-1990 dahlu f'partnership ma' xulxin u bdew jiggestixxu negozju taht it-tradename ta' "Krystal Pools".

Peress illi nqala dizgwid bejn il-konvenuti Joseph Debattista u Peter Paul Micallef.

Peress illi ghad insaput tal-attrici, l-konvenut Joseph Debattista ffirma skrittura (Dok. B) illi biha ttrasferixxa n-negozju "Krystal Pools" u ghabba lill-komunjoni b'dejn ta' LM12,618 u dana meta l-ammont li l-konvenut Joseph Debattista ghandu jaghti lill-konvenut Peter Paul Micallef huwa ferm inferjuri.

Peress illi t-trasferiment tan-negozju u dejn indikat fl-iskrittura fuq imsemmija jikkonsisti f'att ta' amministrazzjoni straordinarja.

Peress illi ghalhekk l-attrici, skond il-ligi, kellha taghti l-kunsens taghha fuq l-iskrittura fuq imsemmija u minflok l-iskrittura giet iffirmata mill-istess konvenut Joseph Debattista ghad insaputa taghha.

Ighidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara illi l-iskrittura ffirmata bejn il-konvenuti fl-10 ta' Novembru 1994 hija nulla u bla effetti tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti illi huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Micallef li biha eccepixxa:

1. Illi din il-kawza hija superfluwa peress li l-mertu ta' din il-kawza giet sollevata bhala via ta' eccezzjoni fil-kawza bejn il-kontendenti fl-ismijiet Peter Paul Micallef vs John Debattista (Citaz. Nru 1162/94 AJM).

2. Illi l-iskrittura esebita bhala Dok B fic-citazzjoni mhix l-att li biha l-konvenuti ittrasferew in-negozju Crystal Pools

izda huwa biss dokument li juri rikonoxximent da parti tal-kontendenti dwar dak li baqghalhom jiehdu l-konvenuti konjugi Micallef minhabba risaliment tan-negozju.

3. Illi benche li Dok B iggib id-data 10 ta’ Novembru 1994, ir-risaliment tan-negozju sehh ferm qabel u appuntu qabel l-1 ta’ Dicembru 1993 meta dahal in vigore l-Att 21 ta’ l-1993.

4. Illi per konsegwenza, il-ligi applikabbli hija dik li kienet tezisti qabel dan l-att u appuntu l-artikolu 1318 tal-kapitolu 16 liema ligi kienet tiddisponi li l-amministrazzjoni ta’ l-akkwisti jmissu lir-ragel pero huwa ma jistax jittrasferixxi akkwisti minghajr il-kunsens tal-mara hlief b’titolu onorus.

5. Illi m’hemmx dubju li r-risaliment tan-negozju mhux transazzjoni gratuwita izda sens’ altru onoruza.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Debattista li biha eccepixxa:

Illi huwa minnhu li fl-10 ta’ Novembru 1994 l-eccipjent kien iffirma ad insaputa ta’ martu l-attrici l-iskrittura Dok. “B” in forza ta’ liema huwa ttrasferixxa lill-konvenut Peter Paul Micallef sehemu fin-negozju li kien jiggestixxi mieghu taht it-trade name “Krystal Pools”, u ghabba l-kommunjoni ta’ l-akkwisti bis-somma ta’ Lm12,618 meta fil-fatt din mhijiex dovuta kollha.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti. Fis-sena 1990 il-konvenuti Joseph Debattista u Peter Paul

Micallef bdew jiggestixxu negozju flimkien that l-isem Krystal Pools, li kien jinvolvi wkoll xiri u importazzjoni ta' merkanzija minn barra u senjatament mis-socjeta' estera Kripsol Piscinas SA.

Sussegwentement, ghal habta tas-sena 1993 dawn il-konvenuti ddecidew li jxolju s-shubija taghhom f' dan in-negozju u ftehmu fuq id-data tat-30 ta' Novembru 1993 bhala data tax-xoljiment tan-negozju bejniethom; izda ma qablux fuq il-likwidazzjoni mill-lat finanzjarju fis-sens li fil-waqt li l-konvenut Peter Paul Micallef kien qed javvanza l-pretensjoni li l-konvenut Joseph Debattista kien ghad fadallu jaghtih is-somma ta' Lm22,000, dan minn naha tieghu innega li kellu jaghti dan l-ammont, anzi ppretenda li minn negozju gestiti flimkien kellu jsir qligh u mhux telf.

Konsegwenzjalment ghal din id-divergenza, dawn il-konvenuti, bl-intervent tal-komputisti taghhom, zammew diversi laqghat fejn saru diversi diskussjonijiet bejniethom li finalment fl-10 ta' Novembru 1994 wasslu sabiex tigi ffirmata minnhom, u mill-komputisti taghhom, l-iskrittura privata[1] meritu tal-kawza odjerna.

F' din l-iskrittura, kontenenti zewg paragrafi, dawn il-konvenuti iddikjaraw u ftehimu li, wara li kienu saru diskussjonijiet rigwardanti r-rizultati finanzjarji tam-negozju esercitat minnhom flimkien ghall-perijodu li jestendi mill-1 ta' Lulju 1990 sat-30 ta' Novembru 1993, "the net result was a breakeven situation and that no further claims will be made <u>with regards to this situation</u>."[2]

It-tieni paragrafu, u li fuqu timpernja l-kawza odjerna, jaqra hekk: "Mr.Joseph Debattista is accepting the debt of Lm12,618 [liema ammont huwa soggett ghall-verifika tal-bilanci indikati in calce ta' l-istess skrittura] being a/c ND 001 in the name of J.Debattista [Lm9,488] and ND002 in the name of Tano Debattista for Lm3,130. This amount to be repaid by way of bills of exchange the number of which shall be adviced by Monday 14 November 1994."

---

[1] Fol.106
[2] Sottolinear tal-Qorti

Minn dan jirrizulta li permezz ta’ dan il-paragrafu l-konvenut Debattista irrikonoxxa u accetta li ghandu jaghti lill-konvenut Micallef is-somma ta’ Lm9,488 bhala dejn tieghu proprju, kif ukoll assuma l-obbligu li jhallas is-somma ta’ Lm3,130 dejn fuq isem ibnu Tano Debattista li, skond ix-xhieda ta’ Peter Paul Micallef, kien jiehu on credit oggetti mill-hanut.

Illi, ghalkemm iz-zewg konvenuti huma u kienu mizzewgin fil-perijodu fuq indikat, hadd mill-konjugi taghhom ma ffirma l-iskrittura, u mill-provi rrizulta pacifiku li dawn ma kienux ppartecipaw fid-diskussjonijiet li wasslu ghall-iskrittura de quo.  Di fatti l-azzjoni odjerna hija bazata proprju fuq il-fatt accettat li l-attrici ma ppartecipatx fin-negozjati li saru bejn l-imsemmija konvenuti u li wasslu ghar-redazzjoni ta’ l-imsemmija skrittura li giet iffirmata minn zewgha minghajr il-kunsens jew partecipazzjoni taghha.  Minn naha l-ohra, pero’ jirrizulta mill-provi li l-konvenuti Micallef kienu jafu li f’ dak iz-zmien il-konvenut Joseph Debattista kien mizzewweg lill-attrici.

L-attrici tikkondendi li zewgha, il-konvenut Joseph Debattista, ma kellu ebda jedd jkkostitwixxi ruhu debitur fis-somma ta’ Lm12,618 u jghabbi lill-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejniethom b’ dan id-dejn minghajr il-kunsens taghha, u qed tinvoka favur taghha l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 1326, b’ referenza ghall-artikolu 1322 [3] Kap.16.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi din il-Qorti wara li ezaminat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet studjati tal-partijiet u hadet konjizzjoni tal-kazistika hemm citata tikkonsidera opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

[1] Illi rrizulta provat li bejn il-konjugi Debattista, li zzewgu fit-8 ta’ Lulju 1972 f’ Malta, jesisti r-regim tal-komunjoni ta’ l-akkwisti a  tenur ta’ l-artikolu 1316[1] tal-Kap.16.

[2] Illi mill-provi rrizulta sodisfacentement provat li x-xoljiment tan-negozju sar fit-30 ta’ Novembru 1993 u mhux meta saret l-iskrittura sena wara.  F’ dan ir-rigward

tapplika l-massima legali li l-kuntratti jorbtu lill-kontraenti fit-termini taghhom. "Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li [ghandha] tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda." [App.Civ. Gloria Beacom et vs L-Arkitett Anthony Spiteri Staines deciza 5 ta' Ottubru 1998].

F' dan il-kaz il-partijiet ftehmu b' mod univoku li l-esercizju dwar konteggi kellu jsehh ghall-perijodu li jghalaq fit-30 ta' Novembru 1993. Dan jinsab konfortat mill-provi li wara dik id-data ma sarx negozju aktar f' isem Krystal Pools, ghalkemm rrizulta li l-konvneut Peter Paul Micallef baqa' jinnegozja wahdu liema fatt jinsab konfermat mill-istess Joseph Debattista fl-affidavit tieghu fejn jghid li Micallef beda jimporta l-affarijiet wahdu.[3] Di fatti l-kopja tal-invoice datata 22 ta' Frar 2004 esebita mill-konvenut Debattista b' tentattiv li jsostenn it-tesi tieghu li n-negozju bejniethom tkompla anke wara 30 ta' Novembru 1993, din l-invoice ma tipprova xejn aktar hlief li l-konvenut that l-isem "Peter's General Stores" ghamel ordni lis-socjeta' estera Kripsol ghall-importazzjoni ta' merkanzija.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkonsidera d-data tax-xoljiment jew trasferiment tan-negozju bhala dik tat-30 ta' Novembru 1993, u ghalhekk fiz-zmien meta l-kunsens tal-konjugi ghall-validita' ta' atti ta' amminstrazzjoni straordinarja ma kienx rikjest.

[3] Illi rigward l-atti maghmula mill-konjugi u li jghabbu l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-mizzewgin, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza Anthony Bugeja vs Publius Micallef[4] insenjat u esponiet il-posizzjoni legali b' dan il-mod:

Il-Kodici Civili taghna (Kap 16) jaghmel distinzjoni bejn dawk l-atti ta' amministrazzjoni ordinarja, li huma

[3] Aff. Fol.138
[4] Deciza – 27.06.2003

koncessi lil kull wahda mill-mizzewgin separatament, u li jorbtu lill-komunjoni tal-akkwisti skond is-subinciz (b) tal-Artikolu 1327; u dawk l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja li ma jistghux jigu attwati jekk mhux bil-partecipazzjoni taz-zewg konjugi.

L-unika eccezzjoni ghar-regola stabbilita` fis-subinciz (2) ta' l-Artikolu 1322 insibuha fl-artikolu 1324 li jitkellem dwar atti normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni meta il-jedd li jezercita dawk l-atti jkun vestit f'dik il-parti (mill-mizzewgin) li tkun qed tezercita dak il-kummerc, negozju jew professjoni, anke jekk tali atti jkun jikkostitwixxu atti ta' amministrazzjoni straordinarja.

L-att ta' amministrazzjoni straordinarja li ma jkunx relatat ma' xi kummerc, negozju jew professjoni, "dejjem jehtieg, ad validitatem"[5], il-kunsens jew partecipazzjoni tazzewg konjugi. Infatti fl-assenza ta' tali kunsens jew partecipazzjoni, l-parti li ma tkunx hadet sehem f'dak l-att ta' amministrazzjoni straordinarja, hija intitolata li fi zmien tlett snin tipprocedi ghall-annullament ta' dak l-att, liema terminu jibda jiddekorri jew minn meta tkun saret taf bih, jew mir-registrazzjoni, jekk dan ikun mehtieg, jew minn meta tintemm il-komunjoni tal-akkwisti. Dan id-dritt tal-konjugi li ma tkunx ippartecipat f'dak l-att ta' amministrazzjoni straordinarja jispicca ukoll fi zmien tliet xhur mill-jum li fih ikun notifikat l-att lil dik il-parti bil-mezz ta' att gudizzjarju, kemm-il darba dik il-parti ma tkunx bdiet azzjoni ghal dak l-annullament. (Art. 1326)

Illi ghalhekk att ta' amministrazzjoni straordinarja ta' wiehed mill-konjugi wahdu jorbot l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti kemm-il darba ma jkunx hemm pronunzjament tal-qorti dwar in-nullita` ta' dak l-att. Izda s-semplici talba biex il-konjugi tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju ma tissodisfax il-vot ta' l-artikolu 1326 Kap.16 li jirrikjedi kontestazzjoni b' azzjoni ad hoc, u mhux per via di eccezione, tal-konjugi.

[5] Sottolinear ta' din il-Qorti

[4] Fis-sens ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet guridici, l-esercizju li jehtieg li jsir ghad-derterminazzjoni tal-kaz odjern huwa: li tigi stabbilita’ n-natura ta’ l-att maghmula mill-konvenut Joseph Debattista, jekk dan l-att, jew atti, humiex ta’ natura ordinarja jew jekk jikwalifikawx bhala atti ta’ amministrazzjoni straordinarja a tenur tas-sub inciz [3] ta’ l-artikolu 1322;  jew jekk jidhlux fl-ambitu ta’ l-artikolu 1324 bhala “att normali ta’ gestjoni ta’ kummerc jew negozju; u f’ kaz li jirrizulta li huwa att ta’ amministrazzjoni straordinarja jekk ir-rimedju moghti lill-konjugi fl-artikolu 1326 giex invokat fit-terminu hemm stipulat.

Illi fl-ewwel lok jigi osservat li ma hemmx dubju li l-att ta’ kostituzzjoni ta’ debitu fl-ammont ta’ Lm12,618 rizultat ta’ xoljiment u likwidazzjoni ta’ negozju ma jistax validament jitqies bhala “att normali ta’ gestjoni” ta’ negozju, u ghalhekk ghandu jkun lampanti li l-eccezzjoni kontemplata fl-artikolu 1324 hija inapplikabbli ghal dan il-kaz.

Illi l-atti li l-ligi tikkonsidera bhala atti ta’ amministrazzjoni straordinarja huma tassattivament elenkati fis-sub inciz [3] tal-artikolu 1322.  Fosthom insibu fil-paragrafu [a] “atti fejn jeddijiet reali fuq beni immobbli jkunu akkwistati, mahluqa jew trasferiti.”  Dawn l-atti huma fost dawk kontemplati fl-artikolu 1326 li jistghu jwasslu ghall-annullament ta’ l-att mill-konjugi li ma jkunx ta l-kunsens tieghu jew ma ppartecipax f’ dan l-att.

Illi fil-meritu l-Qorti tosserva li, ghalkemm fit-tieni paragrafu ta’ l-iskrittura l-konvenut Debattista accetta d-debitu fl-ammont ta’ Llm12,618, fil-verita’ huwa ghamel zewg atti guridici: wiehed fejn <u>irrikonoxxa</u> u accetta d-debitu maghmul minnu matul in-negozju mal-konvenut Micallef sat-30 ta’ Novembru 1994, u l-iehor fejn accetta u <u>assuma</u> gratuwitament l-obbligu li jhallas id-debitu maghmul minn ibnu Tano ammontanti dan id-debitu ghas-somma ta’ Lm3,130.  Tosserva li, ghalkemm dan id-dejn ta’ l-ahhar probabilment kien sar fl-istess zmien tas-shubija fin-negozju taz-zewg konvenuti, dan sar minn terza persuna, estranea kemm ghar-relazzjoni ta’ negozju ezistenti bejn

iz-zewg konvenuti, kif ukoll ghall-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Debattista.

Konformament mal-premess, il-Qorti tosserva ulterjorment li l-kostituzzjoni ta' debitu da parti tal-konvenut Debattista tas-somma ta' Lm9,488 mhi xejn aktar hlief rikonoxximent da parti tieghu ta' stat ta' fatt konsistenti f' dejn li sar minnu qabel it-30 ta' Novembru 1993, meta skond il-ligi vigenti ta' dak iz-zmien il-kunsens tal-konjugi ma kienx mehtieg bil-ligi ghall-kontrattazzjoni tieghu.

Minn naha l-ohra, l-assunzjoni gratuwita da parti teighu ta' l-obbligu li jaghmel tajjeb u jhallas id-dejn kontrattat minn ibnu, avolja dan id-dejn kien sar matul il-perijodu fuq indikat, ghandu jitqies per se bhala att 'gdid' li sehh wara l-imsemmmija data u allura huwa kolpit bir-regim ta' l-emendi fil-Kodici Civili maghumla bl-Att XXI tas-sena 1993, b' mod li l-konvenut Debattista ma setax jassumi din l-obbligazzjoni u jghabbi l-komunjoni ta' l-akkwisti bih, minghajr il-kunsens jew partecipazzjoni ta' martu l-attrici.

Illi rigward din l-assunzjoni ta' dejn ta' terzi, hija valida l-oggezzjoni ta' l-attrici li l-komunjoni ta' l-akkwisti m' ghandhiex titghabba b' dan id-dejn kontrattat minghajr il-kunsens jew partecipazzjoni taghha. Kif osservat din il-Qorti fil-kawza PA[AM] Angele Calleja vs Claude Calleja[6] l-iffirmar ta' kambjala tikkwalifika bhala att ta' amministrazzjoni straordinarja stante li "jista' facilment, wara d-debiti proceduri, jssarraf f' jedd reali fuq il-beni mmobbli appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti u dana bir-registrazzjoni fir-registru pubbliku tas-sentenza relattiva." Din l-osservazzjoni guridika tapplika anki ghal kaz odjern fejn persuna bi skrittura privata kkostitwiet ruhha debitur fis-somma parzjalment dovuta minn terzi; ghax att simili, wara l-opportuni proceduri gudizzjarji, jista' jwassal f' jedd reali fuq l-immobbli tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Inoltre, l-assunzjoni gratuwita ta' dejn ta' terzi ghandu jitqies bhala att ta' amminsitrazzjoni straordinarja skond il-paragrafu [h] tal-artikolu 1322 ukoll ghax dan l-att

[6] Deciza 2.10.2001

tal-konvenut Debattista jekwivali bhala ghoti ta’ garanzija ghall-hlas ta’ dejn ta’ terzi.

Ghaldaqstant l-obbligu assunt mill-konvenut Joseph Debattista li permezz tieghu dana accetta li jhallas id-dejn ta’ terz, huwa att ta’ amministrazzjoni straordinarja li sar wara l-emendi ta-sena 1993 u li ghalhekk ma setax jghabbi l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-konvenuti Debattista minghajr il-kunsens taz-zewg konjugi. In mankanza ta’ tali kunsens jew partecipazzjoni, dan l-att tal-konvenut Debattista ghandu jitqies null fit-termini ta’ l-artikolu 1326

[5] Jigi osservat ulterjorment rigward dan l-att ta’ assunzjoni ta’ dejn ta’ terzi, li mill-provi rrizulta sodisfacentment provat li l-attrici ma kienitx taf li fil-laqgha tal-10 ta’ Novembru 1994 zewgha kien ser jilhaq ftehim u jiffirma l-iskrittura de quo. Mix-xhieda kemm ta’ Joseph Debattista, konfortata mix-xhieda tal-komputista inkarigata minnu, kif ukoll mix-xhieda tal-konvenut Peter Paul Micallef, irrizulta li f’ mohh iz-zewg partijiet ma kienx hemm hsieb li f’ dik il-laqgha jintlahaq ftehim, u li huma kienu marru ghal-laqgha bil-hsieb li jkomplu jiddiskutu. Irrizulta pero’ li f’ dik il-laqgha z-zewg partijiet, bl-ghajnuna tal-komputisti taghhom, wasslu ghal ftehim u saret l-iskrittura. F’ dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija sodisfatta li l-versjoni moghtija mill-attrici, li hija ma kienitx konxja li ser jintlahaq ftehim dak in-nhar f’ dik il-laqgha, hija veritiera u accettabbli minn din il-Qorti. Inoltre, mill-provi jirrizulta car li hija ma kienitx lesta li taghti l-kunsens taghha ghal dak il-ftehim.

[6] Illi inoltre, rrizulta nkontestat li l-azzjoni odjerna giet mressqa mill-attrici fiz-zmien il-perijodu ta’ tlett snin kontemplat fl-artikolu 1326[2]. Di fatti c-citazzjoni promotrici giet intavolata fis-7 ta’ Novembru 1995 circa sena wara l-iffirmar ta’ l-iskrittura.

[7] Illi rigward l-allegazzjoni tal-konvenut Joseph Debattista li huwa kien iffirma l-iskrittura peress li kien gie mhedded mill-konvenut Peter Paull Micallef, il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta lampanti li dina hija tentattiv

sabiex dan il-konvenut johrog mill-effetti legali ta' l-iskrittura fejn irrikonoxxa d-dejn tieghu fl-ammont ta' Lm9,488. Mill-provi rrizulta l-kuntrarju, irrizulta biss li kien hemm insistenza da parti ta' Micallef sabiex id-diskussjonijiet jigu konkjuzi bl-iffirmar tal-iskrittura; izda xejn aktar. Ma rrizultax dak allegat mill-konvenut Debattista li huwa ffirma ghax kien mhedded jew ghax kien imgieghel.

[8] Illi rigward l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti konjugi Micallef fis-sens li "din il-kawza hija superfluwa" peress li l-meritu diga' gie sollevat per via di eccezzione f' kawza ohra fl-ismijiet inversi fil-kawza numru 1162/94, il-Qorti tosserva li l-artikolu 1326 jirrikjedi azzjoni ad hoc u ghalhekk mhux sufficjenti li l-ilment jigi sollevat per via di eccezione. [App. Anthony Bugeja vs Publius Micallef][7] Inoltre, huwa principju tad-dritt illi l-eccezzjoni tan-nullita' ma tistax tinghata bhala eccezzjoni jekk in-nullita' ma tkunx espressament dikjarata mill-ligi [App.Peter Paul Micallef vs Joseph Debattista – 5.10.2001 u vol.XLIX.ii.826 u kazistika citata]]

Fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija sostenibbli limitatament ghal dik il-parti ta' l-iskrittura fejn il-konvenut Joseph Debattista assuma l-obbligu li jhallas is-somma ta' Lm3,130 rapprezentanti dejn ta' terz; u hija ngustifikata u nsostenibbli ghall-kumplament tal-kontenut ta' l-iskrittura.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa li tilqa' in parte l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talba fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi u tiddikjara nulla dik il-parti ta' l-iskrittura li tirreferi ghall-obbligu assunt u kuntrattat mill-konvenut Joseph Debattista rigward is-somma fuq indikata ta' Lm3,130, filwaqt li tafferma l-legalita' u l-validita tal-kontenut ta' l-iskrittura ghall-kumplament.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn iz-zewg nahat.

[7] Supra

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------